

# Carlo Darmanin

## *(1825 – 1909)*

*Kitba ta'*

**Albert Micallef**

Carlo Darmanin twieled l-Isla fl-1825, il-ġenituri tiegħu kienu Giuseppi u Marija li kien kunjomha Cumbo meta kienet xebba. Hu kien ġie mgħammed minn Dun Fortunat Costù fil-Bażilika ta' Marija Bambina l-għada li twieled, jiġifieri nhar il-31 t'Awwissu. Il-parrinijiet tiegħu kienu Vinċenz Cumbo, zijuh, u Marija Farrugia mart Karlu Farrugia li kien sekond kuġin t'ommu.

Il-Malti jgħid, iben is-sengħa għandu nofsha. Hekk fil-każ ta' Carlo li flimkien ma' missieru u diversi minn ħutu (għax kien ġej minn familja kbira) kien tħarreġ u kien jaħdem fil-ħanut tad-ditta *Giuseppe Darmanin e Figli*. Għall-ewwel il-familja Darmanin kienu jieħdu kummissjonijiet għax-xogħol fl-irħam, bħal ngħidu aħna, altari, fontijiet tal-magħmudija u lapidi ta' l-oqbra. Niftakar lill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri, jirrakkontali, li ċertu wieħed Sqalli kien fetaħ ħanut ta' marmista u dan spiċċa kompetitur kbir għad-ditta Darmanin. Kull deni trid tieħdu b'ġid għax b'riħet hekk l-aħwa Darmanin issoktaw jaħdmu fil-kartapesta jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien, fil-plastika. Ħuh Giovanni, li kien l-ewwel wild fil-familja u li kien twieled nhar it-3 t'April, 1817, fil-Belt Valletta kien l-aktar fost l-aħwa li baqa' jissemma bħala statwarju wara Carlo. Giovanni hu l-aktar magħruf għall-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju (1876) ta' l-Imqabba.



Meta Carlo kien għad għandu biss 23 sena, kien ingħaqad fi żwieġ m'Annette Ready, xebba Skoċċiża bint John u Eleonore Byrne. Annette kienet twieldet f'Ħal Għaxaq fl-1833. Kien żewwiġhom Dun Ġwann Depasquale nhar is-27 ta' Frar 1848 u bħala xhud kellhom lil Grezzju Galea. Huma kienu marru joqogħdu fl-Isla f'174/176 Triq il-Vitorja iżda wara marru joqogħdu l-Ħamrun, f'dar li kellha nurmu 190, Triq Irjali San Ġużepp fejn kellu ħanut tax-xogħol ukoll. Il-koppja Darmanin kellhom familja tipika ta' dawk iż-żminijiet għax kellhom mill-inqas sittax-il wild. Dawn kienu: Emanuel (1849), Franġisku (1850), Maria Karmela (1851), Ġużeppi (1853), Cesare (1855), Giovanni (1856), Guljermu (1859), Ġerardu (1861), Maria Ġosefa (1863), Maria Vittorja (1864), Franġiska (1865), Enriku (1867), Renaldu (1870) u Marija Karmela (1870). Milli jidher sew Ġużeppi li kien twieled fl-1853 kif ukoll Maria li twieldet fl-1851 kienu mietu żgħar għax li kieku ma kinux se jissemmew bl-istess ismijiet żewġt itfal li twieldu aktar tard. Carlo kien imfaħħar wisq għall-uċuħ ta' l-istatwi tiegħu, l-aktar għall-uċuħ ta' l-anġli, tal-Madonna kif ukoll ta' xbihat tan-nisa mit-Testment l-Antik. Jingħad tabilħaqq li kemm martu kif ukoll uliedu servew ta' mudelli fit-tiswir tal-vari tiegħu. Annette mietet il-Ħamrun fit-28 ta' Awwissu, 1897, tnax-il sena qablu u kienet midfuna fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid.

Carlo Darmanin ħadem bosta statwi sbieħ iżda wieħed ma jistax ma jsemmix li dan l-artist, li hu magħruf bħala l-prinċep ta' l-istatwarji Maltin, kien l-awtur ta' ħames statwi titulari li għadna ngawdu l-ġmiel ta' tlieta minnhom sal-ġurnata tal-lum.

Fl-1863 Carlo kien lesta għar-raħal ta' Sannat fil-gżira t'Għawdex statwa ta' **Santa Margerita**. Din kienet turi lill-qaddisa waqt il-martirju tagħha u għalhekk kien hemm partijiet minn ġisimha jidhru. L-Isqof t'Għawdex Mons. Camilleri deherlu li kienet xi ftit skullata u għalhekk ipprofanaha. Fl-1891 saret oħra flokha mid-ditta f'Marsilja fi Franza, *Gallard et Fils Statuarie*. Wara l-wasla ta' din il-vara l-ġdida, ta' Darmanin ġiet imwarrba fil-bini tal-kampnar tal-knisja parrokkjali sa ma nqerdet kwazi għal kollox ħlief ir-ras li spiċċat għand l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Dun Salvatore Parnis, Kappillan ta' Ħal-Lija, kien nieda konkors fost l-artisti Maltin ta' dak iż-żmien, sabiex iħejju abbozz għall-istatwa li turi t-**Transfigurazzjoni ta' Kristu**. Carlo kien daħal għal din il-kompetizzjoni u kien għamel mudell li kien juri sitt figuri: Ġesù, Mosè, Elija u l-Appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Minħabba d-dimensjoni tal-knisja l-artist ġie mitlub jagħmel abbozz ieħor fejn tħallew barra l-figuri tat-tliet Appostli li ġew inkużi bħala basso riljiev fil-pedestall. L-ewwel mudell illum għadu jista' jitgawda fil-mużew tal-Knisja ta' Ħal-Lija. It-tieni mudell li fuqu ssawret l-istatwa tas-Salvatur kien inxtara minn missier wieħed saċerdot mill-istess raħal u wara għadda għand Dun Edwin Sammut. Sa l-1984 din l-istatwa kienet propjetà ta' Richard Vella



minn tas-Sliema. L-istatwa tas-Salvatur kif nafuha llum kienet tlestiet fl-1864 u swiet mitt lira Sterlina. L-aħħar restawr li sar fuq din l-istatwa kien fl-1983 mill-istatwarju Għawdxi, Michael Camilleri Cauchi.

Carlo Darmanin kien ħejja l-istatwa ta' **San Leonardu**, għal Ħal Kirkop fl-1877. Din illum tinsab fis-sagristija minħabba li fl-1949 inħadmet oħra fl-Italja, din id-darba imnaqqxa fl-injam u mhux tal-kartapesta bħall-ewwel waħda li tabilħaqq ma kinitx tagħmel għajb lill-vara l-ġdida.

L-istatwa ta' **San Gejtanu** li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun hija wkoll statwa sabiħa ta' dan l-istatwarju. L-istoriku Pietru Pawlu Castagna jgħidilna li din l-istatwa kienet tlestiet fl-1885 u kienet swiet ħamsa u għoxrin lira Sterlina.

L-aħħar statwa titulari li kien ħadem Carlo hi dik ta' **San Ġiljan**, u kienet ġiet imħallsa minn Salvatore Mattei mill-Belt u li kellu post ta' villeġġjatura f'San Ġiljan. Il-kuntratt kien sar nhar id-19 t'Ottubru, 1892 min-nutar Michele Luigi Casolani fid-dar tas-Sur Mattei, li kienet iġġib in-numru 36, Strada Reale. Dan il-kuntratt kien iffirmat mill-Kappillan Giuseppe Scerri, minn Salvatore Mattei benefattur, mill-istatwarju Carlo Darmanin, u mix-xhieda Agostina Zerafa, u Giuseppe Monreal. Din l-istatwa jingħad li kienet swiet sitta u għoxrin lira Sterlina.

Minbarra l-vari titulari li għadna kemm semmejna, l-isem ta' Carlo Darmanin għandu rabta ma' diversi vari sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira. Ma jistax wieħed ma jsemmix b'mod partikolari l-vara ta' **Kristu fl-Ort** li kienet inħadmet għall-Knisja Parrokkjali ta' Bormla fl-1878. Din hija opra stupenda fost l-aqwa xogħlijiet li qatt ħarġu minn idejn dan l-artist. Hawn insibu lil Kristu, mixħut fl-art ikkonfortat minn żewġ anġli. L-espressjoni ta' l-uċuħ sbieħ kif ukoll l-armonija u bilanċ fil-kompożizzjoni jqanqlu devozzjoni kbira fost dawk li jieqfu jimmeditaw quddiemha u jirriflettu fuq dik it-trawma li għadda minna Kristu. Sett tradizzjonali tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kien f'dak iż-żmien jikkonsisti fi tmien stazzjonijiet. Kien Carlo Darmanin li daħħal għall-ewwel darba l-vara tal-**Bewsa ta' Ġuda**. Din l-istatwa kienet tlestiet għall-Knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fl-1903 u baqgħet unika fil-gżejjer tagħna sa l-1962 meta żżanżnet vara simili fil-parroċċa taż-Żejtun, xogħol l-istatwarju Angelo Capoccia minn Lecce fl-Italja. Jekk nissoktaw insemmu l-istatwi li ħarġu minn idejn dan l-artist nieħdu fit-tul, l-aktar jekk nieqfu biex nagħmlu analiżi tar-reqqa li biha ġie esegwit ix-xogħol. Carlo kien jaħdem għal qalbu meta kien ikun mitlub jittratta suġġett Marjan. Xhieda ta' dan huwa n-numru sabiħ ta' statwi tal-Madonna li ħadem tul il-medda tas-snin. Taħt it-titlu tar-**Rużarju** għamel dawk ta' Ħad-Dingli, il-Mellieħa, Ħal Qormi, Ħal Għaxaq, Tas-Sliema, iż-Żurrieq, in-Naxxar, il-Qrendi u oħra għall-Maltin f'Alessandrija fl-Eġittu. Kien ittratta ix-xbiha tal-Madonna taħt titli oħrajn għal diversi knejjes oħrajn. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-vara sabiħa tal-**Madonna ta' Lourdes** li tinsab fil-Knisja tal-Qrendi. Din kienet inħadmet għoxrin sena biss wara li l-Madonna kienet dehret lil Bernardette. Dun Pietru Pawl Xuereb kien għamel l-ewwel purċissjoni biha fl-1878.



Ulìedi, krabati
u ħbiebi, iftacru
fija, jien nitlob
għalicom!

KALBU DEJJEM MARBUTA MAL VOLONTÀ T'ALLA
CHIF DEJJEM GHÀX U RABBA BOSTA ULIED
HALLA DIN ID-DINJA IL MISSIER ESEMPLARI
IR-RAGEL IMFAHHAR GHAL TIUBITU
IL FAMUS U IMSEMMI ARTISTA

CARLU DARMANIN

FIL 25 TA NOVEMBRU 1909
FL'ETÀ SABIHA TA 85 SENA
MIBCHI MINN CULLMN CHIEN JAFU

R. I. P.

O Gesù ħanin atih il mistrieħ ta dejjem
[Ind. 7 snin u 7 quarant.]
Kalb helua ta Maria cun is-salvazioni tieghei. [Ind 300 jum.]

Carlo Darmanin miet fl-għomor ta' 84 sena fid-dar tiegħu l-Ħamrun nhar il-25 ta' Novembru 1909 ftit xhur wara l-mewt ta' ħuh Giovanni (4.12.08). Il-gazzetta *Malta* tad-29 ta' Novembru 1909 ħarġet bl-aħbar tal-mewt tiegħu. Hi qalet hekk: *Giovedì scorso, al Ħamrun, verso le ore 10.30pm rese l'anima al suo creatore il rinomato artista in plastica e famoso statuario, Signor Carlo Darmanin nella veneranda età di 85 anni.* Il-gazzetta tgħid li kellu 85 sena iżda fil-fatt kellu sena inqas. Id-difna saret fi-8.00 ta' fil-għodu tas-27 ta' Novembru, f'wieħed mill-oqbra tal-Konfraternità tas-Santissima Trinità ta' l-Isla. Il-qabar qiegħed Div. Punente, Sezzjoni K. Kompartamento A, numru tal-qabar 67. Hu kien it-80249 li ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata u m'hemm l-ebda tifkira fuq qabru. Ix-xogħol tiegħu tkompla minn diversi allievi li hu kellu, fosthom Karmenu Mallia (1869 – 1931) minn Ħal Qormi li kien imlaqqam il-Lhudi, li kellu l-ħanut tax-xogħol li kien iġib in-numru 178, Strada Reale San Ġorġ, Ħal Qormi.

Isem Carlo Darmanin għadu mfakkar f'ħamest irħula li semmew triq għalih: il-Qrendi, Ħal Lija, il-Mosta, Ħal Kirkop u l-Ħamrun. Dawn kollha huma kburin li għandhom xi xogħlijiet minn tiegħu. Kif rajna Carlo Darmanin jew Karlozzu, kif kien magħruf minn ta' madwaru ta' sehem kbir bħala statwarju Malti tal-kartapesta.